# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 18**

**Avviz numru 448/01mm**

**SMS Insurance Agency Limited**

**Vs**

**John Piccione**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fi-21 ta' Mejju, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lis-socjeta' attrici bhala assikuranti ta' u surrogata fid-drittijiet ta' Mario Camilleri, dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti konsegwenza ta' ncident stradali li gara fit-3 ta' Dicembru, 1999, fi Triq San Guzepp, Santa Venera, bejn vettura numru tar-registrazzjoni IAP 947 misjuqa mill-konvenut u vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAP 055 misjuqa minn Mario Camilleri u dan previa d-dikajrazzjoni li l-istess incident gara

unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali pprezentata f'April, 2001, u bl-imghax mid-data ta' l-istess sad-data tal-hlas relattiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur mertu ta' din il-kawza ma jeccediex is-somma ta' Lm900.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, billi l-incident meritu tal-kawza gara unikament minhabba t-tort u traskuragni tas-sewwieq tal-vettura proprjeta' ta' u misjuqa minn Mario Camilleri.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fi Triq San Guzepp, Santa Venera, fejn kienet il-fabbrika tas-Seven Up fit-3 ta' Dicembru, 1999, bejn il-karozza bin-numru tar-registrazzjoni IAP 947

misjuqa mill-konvenut u il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MAP 055 misjuqa minn Mario Camilleri.

Is-Sur Mario Camilleri xehed illi huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu tat-tip Landrover Discovery fid-direzzjoni ta' l-Imriehel, go Triq San Guzepp, Santa Venera.  Kien hemm hafna traffiku fit-triq u kien qieghed isegwi karozzi ohra quddiemu.

Mill-faccata kienu gejjin karozzi ohra kemm zghar u kbar.  Kif gie magenb il-karozza bin-numru tar-registrazzjoni IAP 947, illi dak il-hin kienet ghadha kif giet ipparkjata mill-konvenut, dan ta' l-ahhar fetah il-bieba biex johrog mill-karozza u kif ghamel hekk sab il-vettura misjuqa minn Camilleri fuqu, bir-rizultat illi gew kawzati danni fuq il-vettura ta' Camilleri ammonti ghal tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm851.79).  Gew esebiti l-fatturi u l-ircevuti rigward il-hlasijiet illi ghamlet is-socjeta' attrici ghat-tiswija tal-karozza ta' Camilleri li kienet assikurata mas-socjeta' attrici b'polza tat-tip comprehensive (Dok. KCC Fol. 25 u verbal Fol. 12).

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid illi huwa joqghod ftit il-boghod minn fejn gara l-incident u ipparkja l-karozza tieghu f'*parking bay* awtorizzat.  Hares fil-mera biex jara kienux gejjin karozzi minn fuq il-lemin tieghu u hares ukoll fuq spallejh u ra li kienu gejjin karozzi, pero' kkalkula illi seta' jiftah il-bieba u johrog.  Gara pero', illi hekk kif fetah il-bieba u hareg saqajh, il-bieba ntlaqtghet mill-vettura misjuqa minn Camilleri.  Ma kienx ghadu fetah il-bieba kollha u kienet angolata.  Il-konvenut isostni illi Camilleri qallu illi kellu jross lejn ix-xellug minhabba xarabank illi kienet gejja mid-direzzjoni opposta.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha li minn dawn iz-zewg verzjonijiet dik moghtija minn Camilleri hija aktar veritjera. Dana kien qieghed isuq ghad-dritt wara vetturi ohra fi triq li hija maghrufa ghall-volum kbir ta' traffiku li jghaddi minnha.

Jista' jaghti l-kaz, illi minhabba dan il-volum u vetturi ta' kull tip, Camilleri kellu jigbed ftit lejn ix-xellug halli jevita l-vetturi gejjin mid-direzjoni opposta. Hi x'inhi pero', t-triq tieghu kienet dejjem dritta minghajr diffikultajiet partikolari ghajr li jsegwi l-vetturi l-ohra quddiemu.

Il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma jistax igib dan il-fatt bhala skuza. Jaf illi dik it-triq hija traffikuza hafna u filwaqt illi l-mizuri li ha kienu adekwati, evidentement ma kkalkulax sew id-distanza bejnu u bejn il-vettura misjuqa minn Camilleri. Ma setax ghadda hafna hin mill-mument illi dawwar rasu minn fuq spallejh biex jara jekk kienux gejjin vetturi u l-mument illi fetah il-bieba.

L-istess konvenut jghid illi din il-bieba ma lahaqx fetahha kollha u kienet angolata meta ntlaqghtet mill-vettura misjuqa minn Camilleri. Dana jfisser illi kienu ghaddew attimi ta' sekondi mill-mument illi huwa hares fil-mirja u minn fuq spallejh sal-mument illi fetah il-bieba, fejn allura mehud in konsiderazzjoni l-pass ridott tal-vetturi illi kienu ghaddejjin serbut, il-vettura ta' Camilleri kienet ferm aktar vicin milli l-konvenut issopona.

Il-Qorti ma tistax ticcensura s-sewqan ta' Camilleri meta jghid illi huwa kien qieghed isegwi karozzi ohra quddiemu.  Verament fi triq traffikuza bhal dik, ftit hemm ghazla x'taghmel sakemm ma tiddecidix illi ssib xi *parking place* u tidhol bhalma ghamel il-konvenut.  Pero' dana ghandu jkun abbinat b'certa attenzjoni illi l-hrug mill-karozza ma jkunx ta' ostakolu ghal l-utenti l-ohra tat-triq.  Dan il-hrug seta' kien perikoluz anki ghall-istess konvenut.  Pero' ta' dan jahti huwa biss peress illi jmissu qaghad ferm aktar attent u jikkalkola d-distanzi sew u mhux qabghad u fetah il-bieba kwazi bl-addocc.

Is-Sur Mario Camilleri ghandu l-konfort tal-entita' tal-hsara u il-pozizzjoni taghha.  Mir-ritratti esebiti jidhru illi din il-hsara qeda fuq il-*mudguard* ta' quddiem tax-xellug, li allura jindika li kienet il-bieba tal-karozza l-ohra illi nvadiet il-karreggjata tal-vettura ta' Camilleri u mhux vice versa.  Li kieku kienet il-karozza ta' Camilleri illi laqtghet il-bieba, l-hsarat fil-vettura kien jkunu fuq il-faccata, mentri f'dan il-kaz il-hsarat kienu fil-genb, haga li tindika li l-vettura ta' Camilleri kienet parallela mal-karozza tal-konvenut meta dan ta' l-ahhar iddecieda illi jiftah il-bieba.

Il-Qorti ma tara xejn hazin fis-sewqan ta' Camilleri anki jekk kellu jersaq lejn ix-xellug sabiex jevita karozzi ohra gejjin mill-faccata.  Kien kompitu tal-konvenut illi jara li seta' johrog liberament minghajr periklu ghalih u ghal vetturi l-ohra fit-triq.

Il-Qorti hija konvinta illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident li gara fit-3 ta' Dicembru, 1999, fi Triq San Guzepp, Santa Venera, bejn vettura numru tar-registrazzjoni IAP 947 misjuqa mill-konvenut u vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAP 055 misjuqa minn Mario Camilleri u dan minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm851.79) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur